MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 21/2009

**Agnes u Carmel k/a Charles Mattocks**

**vs**

**K.N.K.**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' April, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Settembru 2008 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disa' mija u tmien ewro u sitta u erbghin centezmi (€908.46) rapprezentanti prezz ta' 'air conditioner' illi ma kienx tal-kwalita' patwita.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottomettew illi huma xtaw 'air conditioner' minghand id-ditta intimata liema 'air conditioner' kellu jkun wiehed 'Class A' u li fuqu kien hemm 'rebate' ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi. Huma ssottomettew ukoll illi kienu ghazlu dak klassifikat 'Class A' ghaliex kien jahli konsum anqas ta' elettriku.

Ir-rikorrenti ssottomettew illi sitt xhur wara, billi ma kienu rcivew ebda 'rebate' huma marru l-MRA fejn gew infurmati illi l-intimat ma kienx baghtilhom id-dokumenti necessarji li juru illi l-apparat li kienu xtraw kien 'energy saving'. Meta huma marru ghand l-intimat sabiex jinfurmawh b'dan, l-intimat tahom dokument li jindika li l-apparat li kienu xtraw kien 'Class A'. Billi kienu ghaddew sitt xhur ohra u baqghu ma rcivew xejn huma regghu marru ghand l-intimat fejn din id-darba nfurmahom illi l-apparat li kienu xtraw huma kien klassifikat 'Class E' u mhux 'Class A'.

L-intimat issottometta illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata billi r-rikorrenti xtraw u hallsu ghall-'air conditioner' li gie konsenjat lilhom.

It-Tribunal jinnota illi :-

Ir-rikorrenti xtraw 'air conditioner' f’April 2007 u dan gie konsejnat lilhom f’Settembru 2007. Ir-rikorrenti spjegaw illi l-intimat kien urihom zewg

tipi ta' 'air conditioners' u kien spjegalhom illi wiehed kellu 'rebate' u jahli konsum inqas ta' dawl u l-iehor le. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghazlu dak illi gie muri lilhom bhala 'Class A'.

It-Tribunal jinnota illi meta r-rikorrenti ma rcivew ebda 'rebate' huma kellmu lill-MRA li minn naha taghhom infurmawhom li l-intimat kien ghadu ma baghtilhom ebda dokument li juri illi l-'air conditioner' illi kienu xtraw huma kien klassifikat 'Class A'. Ghal din ir-raguni r-rikorrenti marru ghand l-intimat fejn gew mghotija dokument li kien jindika li l-'air conditioner' li huma kienu xtraw kien 'Class A'.

It-Tribunal jinnota illi l-intimat iddikjara seduta stante li dak id-dokument mahrug mill-impjegata tieghu kien inhareg bi zball ghaliex l-'air conditioner' li kienu xtraw ir-rikorrenti kien fil-fatt 'Class E'. L-intimat iddikjara wkoll seduta stante illi r-rikorrenti kienu jafu illi l-'air conditioner' kien 'Class E' u mhux 'Class A' u dan jirrizulta mill-istess dokument illi r-rikorrenti ssottomettew huma stess flimkien fl-Avviz tat-Talba taghhom.

It-Tribunal jinnota illi l-fotokopja ta’ l-ircevuta fiskali prodotta mir-rikorrenti u datata 10/9/2007 tindika bi prominenza illi l-apparat mixtri mir-rikorrenti huwa klassifikat 'E'.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li kkonsidra hawn fuq u wara li ra li filwaqt illi fl-ircevuta fiskali mghotija lir-rikorrenti waqt il-hin tal-bejgh, u li ggib id-data 10/9/2007, tindika li l-apparat mixtri huwa klassifikat 'Class E', dokument iehor mahrug mill-istess intimat u li jgib id-data tal-4/10/07 jindika illi l-apparat mixtri huwa klassifikat 'Class A', jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220), bl-

> ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat, b'dan illi l-'air conditioner' jibqa' propjeta' tar-rikorrenti.”

Pierre Vella Petroni gestur tal-hanut KNK fil-Mosta appella minn din is-sentenza bl-aggravji f’din l-ordni:-

(1) L-Arbitru kien messu astjena milli jiehu konjizzjoni tal-procedura ghaliex hu kien jippatrocina lil martu f’kaz ta’ separazzjoni personali difficli;

(2) Meta sema’ x-xhieda tal-partijiet dan sar minghajr ma gie moghti lilhom il-gurament, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 23 (2) (f) tal-Kapitolu 378;

(3) Il-legittimu kontradittur, kif jinzel mid-dokumenti esebiti, kellha tkun is-socjeta KNK Air Conditioners Co. Ltd;

(4) It-Tribunal skarta l-ahjar evidenza prodotta in meritu ghat-tip ta’ *air conditioner* mixtri mill-appellati;

Fuq l-ewwel motiv ta’ aggravju jibda biex jigi osservat illi minn imkien mill-atti ma jirrizulta illi l-appellanti ssolleva l-eccezzjoni ta’ rikuza. B’danakollu, l-istess appellanti jippretendi illi l-Arbitru kien messu, ghal dik ir-raguni esposta fl-aggravju tieghu, astjena ruhu. Evidentement, b’dan l-ilment l-appellanti qed jinsinwa nuqqas ta’ imparzjalita` mill-Arbitru fil-konfront tieghu;

Bla dubju, l-obbligu ta’ l-astensjoni minn gudikant ghandu jkollu rabta ma’ l-ipotesijiet varji prevvisti mill-Artikolu 734 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kollettivament, dawn l-ipotesijiet ghandhom bhala fattur komuni dak ta’ l-interess proprju u dirett fil-kawza mill-gudikant, b’mod tali li hu jitqieghed fil-veste ta’ parti fil-process. Jikkonsegwi illi jekk gudikant ma josservax il-precett ta’ l-imsemmi artikolu dan igib vjolazzjoni tal-principju *nemo judex in causa sua*;

Jekk, pero`, kif inhu l-kaz hawnhekk, dak l-interess ma jkunx jinkwadra ruhu f'xi wiehed mill-ipotesijiet ezawstivi li jippreciza l-artikolu ghall-iskop ta' l-astensjoni obbligatorja, l-istanza tar-rikuza jew l-astensjoni tibqa' eskluza u ma jistax ikollha ebda incidenza, la fuq ir-regolarita` ta' l-organu gudikanti u lanqas fuq il-validita` tas-sentenza. Wisq ragonevolment, l-allegazzjoni ta' imparzjalita` mill-parti mhix bizzejjed ghax ir-raguni allegata trid dejjem tigi pprovata minnha stess (Artikolu 737, Kapitolu 12). Ara in mertu fuq dan il-punt il-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza recensjuri ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2009 in re: "**Mambra Co. Ltd. -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**". Bl-istess mod kien inghad minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fuq appell lillha mit-Tribunal adit illi, "allegazzjoni ta' '*personal bias*', li timplika abdikazzjoni tad-doveri ta' imparzjalita` da parti tal-gudikant, ma kellha qatt issir sakemm min jaghmilha ma jkollux mhux biss il-konvinzjoni personali ghal tali akkuza, imma element ta' prova biex jiggustifikaha" ("**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd.**", 9 ta' Lulju, 1999). Certament, il-fatt illi l-gudikant kien jippatrocina lil mart l-appellanti fi proceduri ta' firda personali ma ghandhiex tissarraf f'addebitu ta' nuqqas ta' "*fair mindedness*" jew ta' "*balanced approach*" ghax allura jkun ifisser illi gudikant, li xi darba kien jippatrocina lil persuna li tidher quddiemu bhala parti f'materja li ma jkollhiex x'taqsam ma' kwestjoni precedenti li fiha kien involut bhala konsulent legali, jkollha tastjeni dejjem. Dan mhux dak li tghid u trid il-ligi skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici ritwali. L-aggravju qieghed ghaldaqstant jigi respint ghax insostenibbli u nieqes minn gustifikazzjoni;

It-tieni aggravju sottopost huwa aktar serju. Qabel xejn, ukoll b'riflessjoni ghal certi ilmenti ohra sollevati, hu mil-ligi dispost taht il-Kapitolu 378 illi l-Arbitru "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta" [Artikolu 23 (2) (b)]. Minn naha l-ohra huwa wkoll

provvdut b’mod tassattiv illi l-Arbitru “ghandu jizgura li x-xhieda quddiem it-Tribunal ghandha f’kull kaz tinghata bil-gurament” [Artikolu 23 (2) (f)];

Issa fil-kaz prezenti filwaqt li s-sentenza appellata ssemmi li t-Tribunal sema’ x-xhieda tar-rikorrenti u dik ta’ l-intimat ma tghidx ukoll illi din ix-xhieda kienet wahda guramentata. Ankorke dan ma tghidux, l-atti l-ohra mkien ma jindikaw illi fil-fatt hekk sar. Biex jinghad kollox, l-uniku verbal (4 ta’ Novembru, 2008, fol. 11) lanqas ma jispecifika illi nstemghet xi xhieda. Gja, darbi ohra, din il-Qorti kkritikat il-*modus operandi* tat-Tribunal adit u insistiet ukoll illi t-Tribunal jimxi almenu konformement mar-regoli stabbiliti biex il-partijiet ikollhom is-sodisfazzjon pjen li l-principju ta’ gustizzja naturali, kif imfisser minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet “**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *nomine***”, 28 ta’ Marzu, 2007, ikun qed jigi mhares. Sa recentement hafna, din l-istess Qorti tenniet illi kien desiderabbli illi, ghall-iskop ta’ l-accertamenti li jokkorilha taghmel, l-inkartament tal-kawza jkun wiehed komplet, anke bit-traskrizzjonijiet tax-xhieda. “In-necessita ta’ dan certament iservi biex din il-Qorti tipperkorri kif jixraq l-*iter* logiku-guridiku tad-decizjoni fl-ambitu tal-fatti attendibbli u tkun f’qaghda ahjar li tikkontrolla l-mertu tal-gudizzju mill-ottika ta’ l-osservanza tal-principju tas-smiegh xieraq” (“**Vincenza Farrugia Spiteri -vs- George Cortis**”, 24 ta’ April, 2009);

Hu veru illi skond it-termini ta’ l-Artikolu 23 (3) tal-Kapitolu 378 “ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas tat-tharis ta’ xi formalita”. Dan pero` jibqa’ hekk “sakemm wiehed ikun mexa b’mod konformi kemm jista’ jkun mar-regoli”. Li jfisser, illi meta dawk l-istess regoli kif traccjati fl-Artikolu 23 (2) ma jigux imharsa jew mhux imharsa kif imiss, imqar fil-minimu taghhom, ma jistax ragonevolment ikun dedott illi l-Arbitru zamm ruhu “kemm jista’ jkun mar-regoli” ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja skond id-dettami ta’ dik il-gustizzja naturali ghal liema jirreferi s-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 23;

Fil-kaz partikolari l-htiega li x-xhieda mismugha tkun wahda guramentata kienet regola fondamentali ta' importanza massima, anke ghaliex il-kwestjoni bejn il-kontendenti kienet sostanzjalment wahda li tiddependi mill-valur u l-kredibilita li tinghata lix-xhieda ta' l-istess partijiet, gjaladarba d-dokumenti in atti setghu jsostnu t-tezi l-wahda jew l-ohra. Wisq logikament, il-formazzjoni tal-konvinciment fl-Arbitru, kif din tinzel mill-parti decizorja tas-sentenza, ma tidherx li hi hekk adegwata u idoneja in kwantu bbazata semplicement fuq il-prova kontradittorja li jaghmlu d-dokumenti ghal liema jaccenna. Proprju din l-istess kontradizzjoni kellha tinducih biex hu jiffonda l-konvinciment tieghu fuq dik tax-xhieda tal-partijiet li hu jghid li sema' u li, sfortunatament, din il-Qorti m'ghandhiex il-mezzi biex tikkontrolla ghax traskrizzjoni taghhom ma saretx. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li takkolji l-aggravju fuq dan il-punt u tiddiskosta ruhha mis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, bl-akkoljiment tat-tieni aggravju, din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata. Fit-termini ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 il-kawza qeghda tigi differita ghas-27 ta' Novembru, 2009 ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kawza skond il-ligi, b'dan li fil-frattemp il-Qorti qeghda tinnomina lill-Assistent Gudizzjarju Dottoressa Anna Caruana biex tisma' x-xhieda guramentata tal-partijiet. L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------